KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 3

It-tielet laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2013 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Agenda:*

1. *Azzjoni Industrijali mill-MUT*

1. **AZZJONI INDUSTRIJALI MILL-MUT**

Is- Sindku qal li din il-laqgħa ġiet mssejjħa biex il-Kunsill jiċċara l-pożizzjoni tiegħu wara li ġie msejjaħ strike mill-MUT.

Is-Sindku fakkar li it-tabelli tar-RPS ilhom il twaħħlu, u dan sar bl-iskop illi is-sistema tindara qabel ma jibda isir l-infurzar. Fl-ewwel ta' Mejju, hekk kif konna iddecidejna, l-gwardjani lokali bdew iħarrku.

Malli gara hekk, l-MUT sejħet azzjoni industrijali.

Is-Sindku qal li twaqqaf bord tal-RPS, biex il-policy tigi aġġornata skond iċ-ċirkostanzi li jinqalgħu waqt li jkun għaddej it-*trial period*. Dan sar biex tali policy taplika ma kulhadd l-istess.

Is-Sindku qal li malli hassejna li bdew javviċinawna il-gazzetti, fiż-żmien li bdejna ngħatu il-warnings f'April, aħna bgħatna *press release* biex navżaw lill-publiku li min Mejju ser nibdew inħarrku.

Malli ħarġet din il-*press release*, ħareġ dan l-istrike tal-MUT għal nhar it-Tlieta li ġej.

Sindku qal li ċemplulu mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, għax qed tinkwethom is-sitwazzjoni, u hu ltaqa mas-Sur Grupetta fis-Segretarjat Privat tal-Ministru tal-Edukazzjoni, u tkellmu fuq is-sitwazzjoni prezenti. Sindku qal li spjega li qed nimxu mal-AL 200 tal-2009, u li l-publiku ġie infurmat.

Is-Sindku qal li t-teachers, fosthom il-Principal Mrs. Ciappara, talbu *special permits*. Huma talbu madwar 80 permess għall-iskola tal-gvern. Is-Sindku qallhom ikunu aktar ragonevoli fit-talba tagħhom. Mrs. Ciappara bghatitilna proposta, li kienet tghid li jkun hemm 10 postijiet riservati għalihom. Is-Sindku qal li tali talba ma tistgħax tiġi milqugħa

Il-Ministeru talab lis-Sindku jikkonsidraw xi modifiki għall-għalliema, peress li l-Ministeru ma jridux jidħlu f'polemiki mal-MUT. Is-Sindku qal li l-aqqas il-Kunsill ma jrid dan it-tip ta' inkwiet mal-MUT.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa jkompli bil-pjanijiet tiegħu, imma l-Ministeru qed jitlob xi *consideration* għat-teachers.

P Portelli saqsa jekk is-Sur Gruppetta proponiex xi soluzzjoni? Is-Sindku qal le.

P Portelli qal li t-teachers ghandhom erbgħa xhur fis-sena ma jersqux l-hawn għax ma jaħdmux fis-sajf. P Portelli qal li mhux ħa jiċċaqlaq mil-pożizzjoni oriġinali.

Is-Sindku qal li din il-laqgha issejħet ghax hu ma jistgħax jerfa

responsabbilta waħdu biex jgħamel xi forma ta' kambjament b'decizjoni bħal din. Għaldaqstant, hemm bzonn decizjoni tal-Kunsill.

Sindku qal l-oppinjoni tiegħu hi li nibqgħu mexjin kif għaddejjin.

M Briguglio qal li l-MUT qatt ma għamlet azzjoni industrijali meta din is-sistema daħlet fil-lokalitajiet l-oħra. Huwa qal li jifhem lit-teachers, li jridu jkunu xogħoll fil-ħin ħabba t-tfal. Hu qal li nistgħu ngħatu konċessjoni għal ħin u ġranet tax-xogħol biss. Hu qal li tista issir ħabba it-tfal, iżda min naħa l-oħra ħa nkunu qed noħolqu preċedent ġġal każijiet oħra.

V Galea Pace qalet li s-sistema diġa qegħda bilanċjata għax il-parkeġġi maqsumin bil-50%.

Dott. Kris Busietta qal li nħallu kollox kif inhu.

L Cassar qalet li hi ma kinetx parti mid-decizjoni ta qabel. Hi qalet li hawn ħafna reżistenza min residenti Slimizi. Din hija problema.

P Radmilli daħal. Hin: 6.25pm

L Cassar qalet li għandek ħafna Slimizi li ma jriduwiex din is-sistema, u għaldaqstant saqsiet għala qegħda tiġi implimentata? Hi qalet li ħasbet li n-nies iriduha din is-sistema, iżda ħafna nies (anzjani) ma juzawx il-karozza, u għalihom ħażina.

N Gauci qal li jaqbel ma P Portelli, hu qal li l-għalliema qed jitgħażżnu.

J Pillow qabel ma N Gauci.

Paul Radmilli saqsa jekk l-MUT avviċinawx lill-Kunsill formalment. Sindku qal li ftit jiem qabel l-elezzjoni huma bgħattu ittra lill-Prim Ministru, b'kopja lill-Kunsill Lokali.

Segretarju spjega li l-Avviz Legali huwa *binding* u spjega ukoll li tant Transport Malta taf-li qegħda tiġi implimentata u kif, li għax tweħħlu tabelli tal-RPS bi żball ġewwa Triq Leone, kitbulna biex naqilawhom. Qatt ma qalulna biex naqilgħu l-oħrajn.

N Gauci qal li ma missomx qabdu u ħargu bi *strike* l-MUT.

Sindku qal għandna npoġġu ma mejda mal-MUT. M Briguglio u P Radmilli qalu li dejjem għandek tiddiskuti ma min jilmenta miegħek.

P Portelli u N Gauci ħarġu mil-laqgħa. Ħin: 6.43pm
Sindku issugerixxa li niltaqgħu magħhom. Intbgħatet e-mail għall-laqgħa nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju fis-1pm.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 7pm

Minuti approvati llum 30/05/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**